# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar it-Tlieta, 19 ta' Ottubru 2021**

**Talba Nru: 73/21 JG**
**Numru fuq il-lista: 7**

**GO p.l.c. (C22334)**

**Vs**

**Daniel Orsini (ID 80270(M))**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fil-25 ta' Frar 2021, permezz ta' liema, is-soċjetá attriċi talbet lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lil-konvenut iħallasha l-ammont ta' tlett elef, seba' mija u disa' Ewro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€3709.29) rappreżentanti servizzi reżi u mhux imħallsa, kif aħjar deskritt fl-

istess Avviż. Intalbu wkoll l-ispejjeż tal-proċeduri, dawk ta' ittra uffiċjali u l-imgħax[1];

Ra d-dokumenti annessi mal-Avviż;

Ra li l-konvenut ġie debitament notifikat[2] iżda la ppreżenta risposta fit-terminu li trid il-liġi u lanqas rreġistra dehra f'dawn il-proċeduri. B'hekk ġie dikjarat li waqa' fi stat ta' kontumaċja hekk kif reġistrat fis-seduta tat-8 ta' Lulju 2021[3];

Sema x-xhieda ta' Maryanne Camilleri[4];

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra;**

Illi kif diġà ġie indikat fir-riassunt magħmul hawn fuq, l-konvenut f'dawn il-proċeduri naqas milli jsegwi d-dettami ta' żewġ regoli kardinali fi proċedimenti quddiem dan it-Tribunal u għalhekk ġie dikjarat li kien waqa' fi stat ta' kontumaċja.

Illi kif in huwa ben risaput, dan il-fatt ma jistax jiġi ekwiparat bħala ammissjoni, u għalhekk it-Tribunal huwa xorta mitlub jevalwa l-provi kollha prodotti[5].

---

[1] A fol 1 *et seq.*
[2] Timbru relattiv jinsab *a tergo* ta' fol 36.
[3] A fol 39.
[4] A fol 40 *et seq.*
[5] *Vide* f'dan is-sens dak li seħħ u ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Absolute Services Limited vs Stefan Darmenia** (Appell Ċivili (Inferjuri) Nru: 273/2019/1) deċiża fil-11 ta' Novembru 2020.

Illi t-Tribunal iqis li ma ngħata l-ebda raġuni l-għala dak sottomess mir-rappreżentanta tas-soċjetá attriċi m'għandux jitwemmen, u dan ukoll wara analiżi tad-dokumenti ppreżentati[6] u b'hekk sejjer jgħaddi sabiex jilqa' t-talba.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba billi jilqa' t-talba tas-soċjetá attriċi u jikkundanna lill-konvenut jħallas lis-soċjetá attriċi s-somma ta' tlett elef, seba' mija u disa' Ewro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€3709.29) bl-imgħax legali mit-23 ta' Lulju 2019[7] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali bin-numru 1703/18 jitħallsu fl-intier tagħhom mill-konvenut.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

[6] L-ammont indikat, kif speċifikat fid-dettal fl-Avviż tat-Talba jirriżulta ppruvat mid-dokumenti annessi.
[7] Data tal-preżentata tal-proċeduri odjerni, peress li l-ittra uffiċjali imsemmija u eżebita ma ġietx notifikata u għalhekk m'hijiex qiegħda tiġi kkunsidrata ai fini t'imgħax.